| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Illiteracy at 7 | Diskors ta' l-Istudenti | Strenghts and Weaknesses of Small Islands | Trade Schools in Gozo | Theses by Gozitan Students |
| Profile: Joe Xuereb, sculptor | Aspects of Health of the Gozitan people | Tourists in Gozo | Il-Gwardjani Lokali | Book Profile: The Maltese Migrant Experience |
| Book Profile: The Placenames of the coast of Gozo | Mini-Medicine in Gozo | Poems | Typing Maltese Characters | Front Cover |

Sindku ta' San Lawrenz
Rapprezentant Regjonali
Chairman Kumitat Kongunt Gwardjani Lokali.

F' din il-pagna qed naghtu harsa lejn il-hidma li tkun ghaddejja mill-Kunsilli Lokali fuq bazi regjonali, sabiex flimkien l-erbatax il-Kunsill inkunu nistghu nsarrfu hidma mhux biss ghall-Kunsilli rispettivi taghna imma wkoll ghal- Ghawdex ingenerali.

Kif wiehed jista' jimmagina l-hidma taghna giet iffokata kollha kemm fuq il-Kuntratt tal-Gwardjani Lokali li ser nibdew inhaddmu fl-inqas zmien possibbli ghalina. Kif ser naraw aktar 'il-quddiem peress li hija xi haga gdida l-hidma ma kienetx wahda zghira, pero' j'alla din il-hidma ko-ordinata li tmexxiet mill-Kumitat Kongunt li twaqqaf apposta jibda jhalli l-frott mehtieg.

Permezz tad-devoluzzjoni tal-Poter, gie mghoddi lill Kunsilli Lokali il-poter ta' l-infurzar tal-ligi. Wara hidma sfiqa u ppjanar minn naha tal-Gvern u tal-Kunsilli Lokali, nistghu nghidu li beda l-process ta' hidma tal-Gwardjani Lokali. Il-prezenza ta' dawn il-Gwardjani fit-toroq taghna hija xi haga gdid ghal diversi ragunijiet, inizzjattiva li zgur li se taghmel il-lokalitajiet taghna ferm aktar organizzati, edukati u dixxiplinati minn qabel.

Hija xi haga gdida ghaliex, ghall-ewwel darba, l-infurzar tal-ligI se jkun qed isir minn ufficcjali li mhumiex pulizija. L-ghan taghhom huwa dak li jedukaw, jipprevenu u fejn ikun hemm bzonn jinforzaw fejn ikun hemm ksur ta' kontravenzjonijiet li huma relatati principarjament mat-traffiku u l-iskart. Il-Gwardjan Lokali qieghed hemm sabiex jghinna nkabbru s-sens civiku u li jistimula s-sens ta' appartenenza lejn il-belt jew rahal taghna. Fil-Gwardjan Lokali rridu naraw dik il-persuna li se tiddefendi l-interessi taghna bhala residenti meta xi hadd iwettaq xi kontravenzjoni.

Ir-rwol edukattiv tal-Gwardjani Lokali huwa l-aktar fattur determinanti ghaliex l-interess tal-kumunita' mhuwiex dak li jinhargu c-citazzjonijiet, izda dak li l-lokalita' taghna tkun wahda ahjar, aktar nadifa u aktar organizzata. Huwa ghalhekk li l-Gwardjan Lokali m' ghandux jitqies bhala xi arguzin, izda bhala persuna li d-dmir taghha huwa dak li tghinna nghixu ahjar. Meta nghinu u nikkolaboraw ma' Gwardjana Lokali, mhux inkunu qed naghmlu d-dmir taghna, Izda nkunu qed nghinu habib taghna jghinna.

Din l-inizjattiva hija wahda nnovattiva, ghaliex ghall-ewwel darba, l-Kunsill Lokali tieghek qed jinghata poteri esekuttivi sabiex jinforza dawn il-kontravenzjonijiet fil-lokalita' tieghu, u barra minn hekk, il-Kunsill Lokali ser jkun qed idahhal il-flus mic-citazzjonijiet - flus li se jintuzaw ghall-lokalita' fejn twettqet il-kontravenzjoni.

Hija inizzjattiva gdida wkoll ghaliex, ghall-ewwel darba qed ikun involut s-settur privat fl-infurzar tal-ligijiet, kemm bhala kuntrattur li qed ihaddem il-Gwardjani Lokali, u kif ukoll bhala amministratur tas-sistema kompjuterizzata li qed tintuza mill-istess Gwardjani. Dan is-sehem tas-settur privat fit-thaddim ta' din is-sistema, mhux biss qed jiggarantixxi accountability minn kull min hu involut, Izda wkoll se jghin sabiex jintlahqu u jinzammu livelli ta' professjonalita' u efficjenza fix-xoghol imwettaq minhom.

Raguni ohra ghalfejn din hija inizzjattiva gdida hija ghaliex ghall-ewwel darba se jkun hemm process li hu kollu kemm hu kompjuterizzat - mill-hrug tac-citazzjoni mill-hand held computer mill-Gwardjani Lokali sad-decizjoni tal-Kummissarju tal-{ustizzja fit-Tribunal Lokali. Fost affarijiet ohra dan il-process jinkludi wkoll hrug ta' mandati ta' komparizzjoni, hrug ta' rcevuti u hrug awtomatiku tad-data meta tinstema l-kawza.

Din is-sistema qed tkun adottata sabiex nizguraw l-aspett ta' infurzar jkun wiehed serju, efficjenti u li huwa audited il-hin kollu.

Izda ghalkemm is-sistema li lkoll flimkien se nkunu qed nhaddmu hija wahda ferm efficjenti, zgur li mhux bizzejjed. Jahdmu kemm jahdmu l-Kunsilliera Lokali taghna sabiex jiksbu s-success b'din l-inizzjattiva, zgur li mhux bizzejjed, jekk ilkoll kemm ahna bhala residenti ma naghmlux is-sehem taghna.

Il-Gvern Centrali, il-Kunsilli Lokali u l-kuntratturi nvoluti, kollha hadmu bhala team wiehed sabiex din is-sistema tkun success, Izda issa jiddependi minna kemm se nhallu din is-sistema tahdem u kemm se nghinu 'l Gwardjani Lokali sabiex verament naghmlu d-differenza.

Il-Gwardjani Lokali huma ghodda necessarja sabiex nilhqu l-ghan li kulhadd jifhem x'inhuma d-drittijiet u d-dmirijiet taghna lkoll lejn il-komunita'. Se jkunu hemm sabiex iwettqu nfurzar tal-ligijiet bi tbissima. Kollox jiddependi minna jekk ahniex se nilqghu din l-isfida.

Huwa dmir taghna l-Kunsilli Lokali wkoll li nedukaw u li nkomplu naghtu l-informazzjoni kollha. Tajjeb li jkun jaf kullhadd li lista ta' dawn il-kontravenzzjonijiet jeziztu fl-ufficcji tal-Kunsill Lokali, barra minnhekk tajjeb li nishqu wkoll fuq il-fatt li dawn il-kontrovenzjonijiet kollha ilhom hafna fis-sehh, l-iskop taghhom kien tajjeb, dak li niggarantixxu komunitajiet ahjar, li kien jonqos huwa li l-pulizija jkollha ghajnuna fl-infurzar ta' dawn il-kontrovenzjonijiet. Tajjeb ghalhekk li nikkoperaw flimkien ghal gid taghna lkoll.

Hajr lill ufficcju nformazzjoni fil-Ministeru tal-gustizzja u Gvern Lokali ghall informazzjoni moghtija.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Illiteracy at 7 | Diskors ta' l-Istudenti | Strenghts and Weaknesses of Small Islands | Trade Schools in Gozo | Theses by Gozitan Students |
| Profile: Joe Xuereb, sculptor | Aspects of Health of the Gozitan people | Tourists in Gozo | Il-Gwardjani Lokali | Book Profile: The Maltese Migrant Experience |
| Book | | | | |

| Profile: The Placenames of the coast of Gozo | Mini-Medicine in Gozo | Poems | Typing Maltese Characters | Front Cover |
|---|---|---|---|---|



University of Malta Gozo Centre

Articles © Univeristy of Malta - Gozo Centre and Individual Contributors
Design © Gozo.COM
The Views expressed herin are not necessarily those of the Editorial Board or the Board of the Univeristy of Malta - Gozo Centre

designed & hosted by